MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2002

Appell Kriminali Numru. 186/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs

Raymond Camilleri

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 t'April, 1998, ghall-habta tas-2.30 p.m., f'Tal-Barrani Road, Tarxien, saq vettura numru GAI-929 ;
1) b'manjiera traskurata
2) perikoluza
3) u aktar b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nathalie Busuttil skond kif iccertifika Dr. Anthony Gatt M.D tal-isptar San Luqa

4) u aktar talli kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rodianne Abdilla u Dolores Pace skond kif iccertifikaw Dr. Mariella Caruana M.D., tal-isptar San Luqa u Dr. Mario Abela M.D. ta' B'Bugia Health Centre rispettivament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Lulju, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 15 tal-Kap 65 u l-Artikoli 17 u 226 tal-Kap 9, sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal multa ta' hames mitt liri Maltin (LM 500) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'Awissu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza billi titnaqqas il-piena moghtija fil-konfront tieghu.

Rat illi l-aggravju tar-rikorrent mhux dikjarat bhala tali ghalkemm hemm paragrafu uniku fit-test telegrafiku tar-rikors tal-appell li jghid testwalment hekk :-

*"Illi r-rikorrent jirrileva illi qabel id-*data *ta' l-incident in kwistjoni , huwa kellu "driving record" nadifa u li qatt qabel ma kien involut f'incident tat-traffiku."*

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Novembru, 2002 li bih l-abbli prosekutur eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell in vista tal-fatt li f'l-ewwel lok ma hemmx il-fatti fil-qosor kif rikjest taht piena ta' nullita' fl-art. 419 *(1) (a)* tal-Kodici Kriminali .

Semghet it-trattazzjoni dwar din l-eccezzjoni kif ukoll dwar il-mertu f'kaz li din l-eccezzjoni tigi michuda , fil-kors tal-istess seduta ;

Rat illi l-kawza giet differita ghas-seduta tal-20 ta' Marzu, 2003 ghas-sentenza ;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum;

Ikkonsidrat ;

Illi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali tirrigwarda l-karenza ta' wahda mill-elementi essenzjali tar-rikors tal-appell kif elenkati mill-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi li r-rikors tal-appell , "barra mill-indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji GHANDU JKUN FIH , TAHT PIENA TA'NULLITA :-(emfasi tal-Qorti) *"(a) il-fatti fil-qosor ; (b) ir-ragunijiet tal-appell u (c) it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri"*

Illi minn ezami tar-rikors tal-appell jidher ovvju li dan ir-rekwiziit dwar il-fatti fil-qosor zgur li ma giex rispettat u osservat , u dana apparti r- rizervi li ghandha din il-Qorti dwar il-mod kif - jekk hemm aggravji w ragunijiet tal-appell -dawn gew redatti u anki dwar il-mod kif giet formulata t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata bla ma intqal fejn din ghandha tigi konfermata u fejn ghandha tigi riformata b'mod car u univoku, nuqqasijiet li ukoll jistghu jwasslu ghan-nullita' tal-appell odjern.

Illi ma hemmx dubju li n-nuqqas sollevat mill-Avukat Generali wahdu biss ukoll iwassal ghan-nullita' tal-appell u ghalhekk ma hemmx bzonn li din il-Qorti tinvesti l-kwistjoni tan-nullita' minnhabba r-ragunijiet l-ohra accennati fil-paragrafu precedenti , li, wara kollox , hi sollevabbli ukoll "ex officio" minn din il-Qorti .

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni intavolata mill-Avukat Generali w tiddikjara l-appel tar-rikorrent null u irritwali w konsegwentement ma tiehux konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

John Farrugia
Dep. Registratur

5.12.02